# Bowling: Team Malta wins 4 medals at the Mediterranean Bowling Championships 2022

Team Malta participated in the 24th edition of the Mediterranean Bowling Championships (MBC) 2022 in Athens, Greece over 1-8 May and came back home with 4 medals round their necks. Team Malta consisted of 4 top bowlers – 2 men and 2 women – Mauro Anastasi, Rankin Camilleri, Cynthia Frendo Duca, and Melissa Swift; they were accompanied by their national coach Rick Vogelesang and the President of the Malta Bowling Association (MBA) Edward Mifsud.

Participating against 14 other federations in 7 total events, Team Malta managed to win 2 silver medals and 2 bronze medals over 4 different categories. Mauro Anastasi and Rankin Camilleri won the first bronze medal together in the Men's Doubles after finishing just 1 pin overall ahead of the Spanish team who finished in 4th place.

The Women's Doubles then saw Team Malta win its first silver medal of this year's edition of the MBC as Cynthia Frendo Duca and Melissa Swift managed to take 2nd place in the final frame of the 6-game block.

Melissa Swift continued on to win another 2 medals for Team Malta – 1 silver medal in the MBC All Events category and 1 bronze medal in the MBC Master's Event; the All Events category is based off the total 24 games played while the Master's Event was based off a 2-game knockout format played between the Top 8 men and women respectively. Swift therefore reached the podium 3 times for Team Malta; these were the first EBF medals of her career.

After this edition of the MBC, Malta has retained its place as the most successful country in the history of the Mediterranean Bowling Championships. In its history, Team Malta has won 116 medals (now tied with Greece), and most of our medals have been gold (41 total – MBC all-time best).



# Tim Malta tirbaħ 4 Midalji fil-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling

Tim Malta ppparteċipat fl-24 edizzjoni tal-Kampjonati Mediterranji tal-Bowling (MBC) ta' 2022 f'Ateni, il-Greċja bejn l-1 u t-8 ta' Mejju u rritornaw lura b-4 midalji. Tim Malta kien magħmul minn 4 atleti - 2 irġiel u 2 nisa - Mauro Anastasi, Rankin Luke Camilleri, Cynthia Frendo Duca, u Melissa Swift; huma kienu akkumpanjati mill-kowċ nazzjonali Rick Vogelesang u l-President tal-Malta Bowling Association (MBA) Edward Mifsud.

Jipparteċipaw kontra 14-il federazzjoni oħra fuq 7 kategoriji, l-iskwadra nazzjonali rnexxielha tirbaħ żewġ midalji tal-fidda u żewġ midalji tal-bronż. Mauro Anastasi u Rankin Luke Camilleri flimkien rebħu l-ewwel midalja tal-bronż fil-Men's Doubles wara li spiċċaw il-logħob kollu b'pin żejjed minn fuq id-duo Spanjol li spiċċaw fir-raba' post.

Il-par Melissa Swift u Cynthia Frendo Duca rebħu l-ewwel midalja tal-fidda ftit wara. Huma spiċċaw fit-tieni post wara li ntlagħbu s-sitt logħbiet.

Swift kompliet takkwista l-midalji għall-iskwadra nazzjonali waħedha l-għada. Swift imbagħad rebħet midalja tal-fidda fil-kategorija tal-All Events u midalja oħra tal-bronż meta spiċċat fit-tielet post fl-MBC Master's; il-kategorija tal-All Events kienet ibbażata fuq l-24 logħob li ntlagħbu fil-kompetizzjoni sħiħa waqt li l-Masters kien knockout ibbażat fuq żewġ logħbiet kull rawnd bejn l-aqwa tmien nisa' u rġiel rispettivament. B'hekk, Swift laħqet il-podju 3 darbiet għal Tim Malta; dawn kienu l-ewwel midalji Ewropej (EBF) fil-karriera tagħha.

Wara din l-edizzjoni tal-MBC, Malta żammet postha bħala l-aktar pajjiż li għamel suċċess fl-istorja tal-kompetizzjoni. Fl-istorja tagħha, Tim Malta rebħet total ta' 116 midalji (issa daqs Greċja), u l-maġġoranza tal-midalji li ntrebħu mill-Maltin kienu dawk tad-deheb (total ta' 41 - l-ogħla ammont għal federazzjoni nazzjonali fl-istorja tal-MBC).

